# NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 74 – IT-TLIETA 19 TA' ĠUNJU 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fil-5.40) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| Skużat: | Clifford Galea | Kunsillier |
| | | |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Skrivana |

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Is-SE informa li rċieva e-mail mingħand il-kunsillier Galea li ta raġuni talli ma setax jattendi. Fl-email tiegħu il-Kunsillier Galea xtaq jieħu l-opportunità jfaħħar il-progress li qed isir fil-lokalità grazzi għall-ħidma tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Sindku Anne Marie Muscat Fenech Adami flimkien mal-Kunsillieri kollha. Huwa esprima l-importanza li wieħed jinnota dettalji li forsi l-pubbliku ma jinnutax.

1.2. Il-Kunsill iġġustifika n-nuqqas.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Minħabba raġunijiet ta' xogħol ieħor urġenti, il-minuti ma laħqux ġew iffinalizzati u għalhekk ma ġewx ippreżentati. Il-Kunsill iġġustifka u qabel li dawn jitressqu fil-laqgħa li jmiss.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku kellha laqgħa mas-Sur James Micallef Grimaud rigward l-attività "*Art and Music Festival*". Din se tkun tikkonsisti minn artisti li jpinġu graffiti mal-ħajt tal-*higher secondary* b'kollaborazzjoni ma' NGO's oħrajn. Kopja ta' abbozz ta' programm tqassam lill-kunsillieri. Is-Sindku ssuġġeriet li jkun abbinat mal-varar tal-proġett tal-mitħna. L-ispiża involuta hi ta €3682 li però xi oġġetti jistgħu jinkisbu minn sponsors. Minn naħa tal-iskola jixtieqa li ssir waqt *freshers' week.* Il-kunsillier Brincat ġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm kontroll fuq is-suġġetti tal-arti u li ma jkunx permess li jintużaw suġġetti kontroversjali bħal, imma mhux limitati għal, reliġjon, politika u

razzizmu. Ipproponiet is-Sindku u ssekonda l-Kunsillier Gatt biex issir din l-inizjattiva kull sena bil-kundizzjoni suġġerita mill-Kunsillier Brincat.

3.2. Is-Sindku, flimkien mal-kunsillier Brincat, kellhom laqgħa ma' Ivan Grech tal-*Wintermoods* dwar l-organizzazzjoni ta' kunċert fin-Naxxar. Il-prezz li ntalab kien ta' bejn €65k u €70k u dan instab li kien għoli wisq. Għaldaqstant is-Sindku avviċinat lil '*Airport impressions'* li jidher li hemm interess.

3.3. Is-Sindku infurmat li ġie kkonfermat mill-Ministru li jista' jinħareġ *direct order* għal kuntratt temporanju tal-knis. Intalbu 3 kwotazzjonijiet u ġie kkonfermat kuntrattur li kellu jibda x-xogħol it-Tnejn (il-jum ta' qabel il-laqgħa). Il-Kuntrattur huwa Christian Galea.

3.4. Saru s-5.40 u f'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Agius.

3.5. Dwar il-playing field, is-Sindku infurmat li kien wasal in-*netting*, l-arbli kienu fil-post, it-Tnejn għandu jasal it-*turf* għall-*football pitch,* li suppost ikun lest fi żmien gimgħatejn u ġimgħa oħra biex jeħel ir-*rubber flooring.* Il-Kunsillier Brincat issuġġerizza li jitpoġġa *post* fuq il-*facebook* li jgħarraf lin-nies li kien hemm problemi kuntrattwali. Il-Kunsill qabel.

3.6. Bejn it-18 u l-21 ta' Mejju is-Sindku kienet mistiedna f'Coreno Ausonio, l-Italja għal kommemorazzjoni tat-Tieni Gwerra, fejn kien hemm *re-enactments* tal-avvenimenti biex iżommu ħajja dawn il-memorji. Hija hemm hekk tkellmet fuq il-ħtieġa li titkompla l-għaqda bejn ġnus u kemm ħsara jġibu l-gwerer.

3.7. Lejn l-aħħar ta' Mejju, flimkien mal-Kunsillier Galea, s-Sindku attendiet konferenza bl-isem URGENT f'Ateni, fejn ġew diskussi *issues* ta' solidarjetà mal-immigranti u kriżijiet. Hawn kellhom reazzjonijiet pożittivi ħafna lejn Malta u ringrazzjamenti għall-parteċipazzjoni. Tenniet li l-miżata biex il-kunsill ikun membru tal-grupp ALDA hi ta €600 u b'hekk il-kunsill jinżamm aġġornat b'dak li jkun qed sir. Il-Kunsill qabel li għandu jidħol membru.

3.8. Is-Sindku semmiet l-*intergeneration project* ta' SOS Malta li qed jorganizzaw ma' Hilltop biex iżommu l-anzjani attivi. Il-Kunsill għandu jgħin mill-aħjar li jista'.

3.9. Semmiet li fil-5 ta' Ġunju kienet organizzata l-attività "il-Franċiżi fit-Tramuntana" mir-Reġjun Tramuntana. L-attività dakinhar saret f'diversi lokalitajiet tat-tramuntana u spiċċat fil-Pjazza tan-Naxxar. Kien hemm mal-500 re-enactor barrani.

3.10. Is-Sindku infurmat li kienet saret laqgħa mal-Kumitat tal-Festa flimkien mal-awtoritajiet involuti biex jiddiskutu l-organizzazzjoni tal-festa. Hemm il-manwal li kien inħareġ biex kemm jista' jkun jinżammu ir-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat filwaqt li ġiet indirizzata d-diffikultà li jinstab *liaison officer* li għandu jara li l-kundizzjonijiet tal-permessi maħruġin mill-kunsill qegħdin jinżammu u li l-gwardjani qed jagħmlu xogħolhom sew filwaqt li jibqa' f'kuntatt mal-kumitat kif ikun hemm bżonn. Dwar dan intalbet l-għajnuna tas-Sur Stephen Mallia tal-LESA li għandu jara x'jista' jipprovdi min-naħa tiegħu peres li l-persuna li konna nqabbdu qabel m'għadux interessat li jagħmel dan ix-xogħol. Kien hemm suġġeriment minn-naħa tal-LESA biex issir laqgħa ma tal-ħwienet li s-soltu jagħmlu permessi tal-imwejjed u siġġijiet biex ikun hemm insistenza magħhom li jżommu mal-permessi.

3.11. Din is-sena se jkun hemm ukoll il-Pontifikal lejlet il-festa. Għal dan il-għan intalab li jitressqu xi posti tal-qubbajt mill-Pjazza. Trid issir laqgħa fil-post biex jiġi identifikat l-aħjar post fejn jistgħu jitressqu.

3.12. Tat-Trasport Pubbliku għandhom ukoll ikunu avżati biex iżommu mar-rotot u ħinijiet ta' devjazzjonijiet skont il-qbil li jkun sar.

3.13. Is-Sindku semmiet il-mawra lejn Slovenia b'konnessjoni mal-proġett '*Solidarity4Heritage'*. Iż-żjara li jmiss relatata ma dan il-proġett se tkun f'Agia fil-Greċja f'Awwissu.

3.14. Dwar il-proġett tal-mitħna waslet il-konferma li l-proġett huwa approvat għall-finanzjament wara ammont kbir ta' informazzjoni addizzjonali meħtieġa sottomessa mill-amministrazzjoni. Għalhekk jista' jibda l-proċess tar-restawr u l-kumplament tal-proġett. Is SE wissa li jrid ikun hemm *commitment* qawwi u li jkun prijorità assoluta għall-Kunsill għaliex fejn jidħlu proġetti kbar iffinanzjati mill-EU ma jistax isiru żbalji. Għandu jiġi ffurmat kumitat u jinkludi *project manager* u *liaison officer.*

3.15. Is-Sindku semmiet il-laqgħa mal-Onor. Herrera rigward l-inċineratur fejn informa li s-sit għadu ma ġiex stabbilit, però wisq probabbli jkun fil-Magħtab. L-*environmental assessment* għadu għaddej. Il-Kunsillier Brincat ippropona li għandu jsir *press release* dwar il-laqgħa mal-Ministru*.* Issekondat il-Kunsillier Cuomo.

3.16. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Agius kellhom laqgħa dwar il-*local plan* għall-Magħtab fil-bini tal-Parlament. Tqassmu u nqraw noti mis-Sindku. Ir-rapporti huma disponibbli għall-informazzjoni tal-kunsill.

3.17. Il-Kunsillier Spiteri semma' seminar mill-Friends of Victoria Lines li sar propju dwar il-*Victoria Lines* fejn ħadu sehem entitajiet varji. Peress li jagħmlu parti minn iżjed minn lokalità waħda, għandhom jaqgħu taħt kappa waħda ċioè r-Reġjun Tramuntana.

3.18. Il-Kunsillier Spiteri informa li kien attenda kors mill-Awtorità tal-Ippjanar li sabu interessanti ħafna. Dan jitratta policies tal-Awtorità u s-sistemi elettroniċi.

3.19. Is-Sindku infurmat li l-Ambaxxatur tal-Bulgarija introduċiha mal-grupp *Comitiva Gozo* bil-ħsieb li jieħdu sehem fil-festiival Internazzjonali tal-Folklore ta' *Maleshevo.* Il-komunità Bulgara għandha tipproduċi żifna folkloristika u Malta għandha wkoll torganizza grupp. Infatti fakkrek li qed tikkordina dak kollu meħtieġ biex ikun jista' jiġi organizzat tour għall-Bulgarija.

3.20. Il-Kunsillier Gatt semma' l-mozzjoni dwar il-*caravans* li għandha terġa tiġi ristabbilita. Għal dan il-għan għandu jkun hemm komunikazzjoni mal-Ministru Herrera.

3.21. Dwar l-attività tal-10 ta' Lulju tas-*semi-final* tal-*World Cup* ġie diskuss l-għeluq tal-Pjazza u l-bżonn ta' gwardjani u *barriers.* Il-pjazza tingħalaq biss kollha f'każ li jkun hemm ammont kbir ta' nies.

3.22. F'dan il-ħin il-Kunsillier Gatt talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. It-talba intlaqat. Il-ħin kien is-18:30.

3.23. Is-Sindku infurmat li kienet saret taħdita b'suċċess f'għodwa ta' Sibt minn Franks għan-nisa dwar kif wieħed jieħu ħsieb id-dehra tiegħu. Din kienet suċċess u kellha attendenza tajba.

3.24. Is-Sindku tat informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-vann fejn infurmat li se jsir il-vehicle wrapping u disinn apposta. Fakkret li bħala spejjeż se jkunu koperti kollha mill-isponsors. Semmiet ukoll li hemm sewwieq interessat li iżda m'għandux il-liċenzja għal dan it-tip ta' vann u hemm spiża biex jikseb din il-liċenzja u l-permessi meħtieġa. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallaslu l-ispejjeż iżda jorbtu għal ammont ta' żmien.

*3.25.* Dwar il-ġnien ta' Triq il-Forġa, is-Sindku infurmat li-preparamenti waslu lejn l-aħħar.

### *4.* TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

### *5.* KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji

5.2. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata wara proposta mill-Kunsillier Sciberras u ssekondata mill-Kunsilliera Cuomo. Kopja annessa.

5.3. L-iskedi tad-dħul, ordnijiet u infiq mill-*Petty Cash* ġew approvati wara li kienu proposti mill-Kunsillier Brincat u ssekondati mill-Kunsillier Agius. Kopji anessi.

5.4. Dwar infiq ieħor, is-SE informa li kien twaqqaf il-kuntratt tal-knis wara diversi *default notices*. Madanakollu kien għad hemm xi ħlasijiet pendenti u kien intalab iħejji rapport li ġie moqri mis-Sindku.

5.5. Il-ħin kien is-18:40 u l-Kunsill qabel li jgħaddi fi stadju ta' kumitat u għalhekk intfew il-mikrofoni u jibda jiddiskuti r-rapport.

5.6. Saru s-19:20 u reġgħu inxtegħlu l-mikrofoni biex tkompliet is-seduta tal-Kunsill. Id-deċiżjoni kienet li jitqabbad avukat u jsir rapport li jikkwalifika id-danni. Il-Kunsill qabel wara proposta mill-Kunsillier Brincat u ssekondat mill-Kunsillier Agius.

### *6.* RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-EVALWAZZJONI TAL-OFFERTI

6.1. Il-Kunsillier Brincat ma setax jattendi għall-evalwazzjoni u minfloku daħal il-Kunsillier Spiteri. Kien hemm 2 sejħiet għall-offerti, tal-W*aste Management* u tal-Perit. Tal-*Waste Management* kien l-uniku offerent u minkejja li kien aktar għali milli kien maħsub il-Kunsill qies li kien qiegħed jitlob servizz ta' kwalità ogħla peress li tlabna vetturi Euro 6. Tal-Perit, l-irħas offerta kienet ta Doric Studio. Il-Kunsill approva.

### *7.* RISPOSTA GĦALL-MANAGEMENT LETTER

7.1. Is-SE spjega li tinħareġ il-Management Letter mill-awdituri bir-rakkomandazzjonijiet, għaldaqstant hemm obbligu li tingħata risposta għal kull waħda minnhom. Hawn is-SE ta spjega u dar il-punti kollha tar-risposti. Dawn ġew approvati wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondata mill-Viċi Sindku Sammut.

### *8.* TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

8.1. Il-laqgħa aġġornat fit-19:45 u d-data magħżula għas-seduta li jmiss hija nhar it-Tlieta 24 ta' Lulju.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |